MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2013

Numru. 460/2007

**Il-Pulizija**
**Spettur Raymond Aquilina**

**vs**

**Keith Greengrass**

Il-Qorti;

Rat l-imputat Keith Greengrass ta’ 32 sena iben Joseph u Maria Stella xebba Spiteri mwieled San Giljan nhar 08 ta’ Marzu 1975 u residenti Blokk B4 Flat 6 Government Housing Estate, Ta’ Xbiex u detentur tal-karta tal-identita’ numru 119075M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F'Lulju 2006 u fix-xhur ta' wara din id-data, gewwa Hal-Far u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(a) Bi vjolenza, ikkommetta stupru fuq LG minorenni ta' erbghatax-il sena, liema delitt sar b'qerq;

(b) Bla ordni skond il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-imsemmija LG kontra l-volonta' taghha, liema delitt sar bhala mezz sabiex hija tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija ta-sess taghha;

(c) B'eghmil zieni, ikkorrompa lil istess persuna taht l-eta u cioe' lil LMG, minorenni ta' erbghatax-il sena(14);

(d) Eccita, ghin jew iffacilita l-korruzzjoni ta' l-istess minorenni ta' erbghatax-il sena;

(e) Offenda l-pudur jew il-morali, b'eghmil li sar f'lok pubbliku, jew f'post espost ghall-pubbliku.

Sar ricediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta datata 04 ta' Mejju 2005, liema sentenza hija definittiva u ma tistghax tigi mibdula;

Il-Qorti kienet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412(C) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa.

F'kaz ta' htija l-Qorti kienet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta ta' LMG u l-familja taghha ai termini ta' l-artikolu 383 et sequitur tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 28 ta' April 2010 (esebita a fol. 226 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikoli 18, 203 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(b) fl-artikoli 18, 203A, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(c) fl-artikoli 204, 204C(1)(2), 208B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(d) fl-artikoli 18, 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(e) fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(f) fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(g) fl-artikolu 17, 23, 31, 533 u 544 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat li l-imputat waqt l-udjenza tas-6 ta' Mejju 2010 iddikjara li ma kellhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Rat l-ammissjoni registrata mill-imputat waqt l-udjenza tas-27 ta' Lulju 2010 fejn huwa ammetta l-imputazzjoni ta korruzzjoni ta' minorenni minghajr l-aggravju tat-theddid u tal-qerq kf ukoll l-imputazzjoni li r-reat sehh f'post pubbliku jew espost ghall-pubbliku.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Rat il-Pre-Sentencing Report imhejji mill-Probation Officer Antonella Spagnol u nserit a fol. 258 et sequitur tal-atti

processwali u semghat ix-xhieda tal-istess Probation Officer waqt l-udjenza tas-27 ta’ Jannar 2011.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta’ dan il-kaz jirrigwardaw allegat kaz ta’ korruzzjoni ta’ minorenni li hija tfajla ta’ erbatax il-sena, LMG, u li allegatament sehhet f’Lulju 2006 u fix-xhur ta’ wara din id-data. Ghall-habta ta’ Lulju 2006 l-minuri bdiet ticcatja mal-imputat fuq chatroom fuq l-Internet fejn sar xi diskors ta’ natura sesswali u l-minuri ndikat lill-imputat li hija kellha esperjenzi sesswali qabel. Il-minuri u l-imputat skambjaw xi ritratti ta’ xulxin u ghamlu arrangjamenti sabiex jiltaqghu. Sehhew zewg inkontri bejniethom fejn l-ewwel wiehed kien f’Lulju 2006 u fejn l-imputat ghall-habta tat-8.00pm gabar lil minuri bil-vettura tieghu minn hdejn il-gnien pubbliku tal-Gudja skond kif kien miftiehem minn qabel u huma mbaghad marru fl-Industrial Estate ta Hal-Far u kellhom rapport sesswali flimkien. Wara dan l-inkontru huma baqghu jiccatjaw pemezz tal-MSN u anki permezz ta’ messaggi fuq il-mobile phone ghaliex il-minuri kienet tat il-mobile number taghha lill-imputat sakemm regghu ftehmu sabiex jiltaqghu f’Settembru 2006 fejn rega’ kellhom rapport sesswali flimkien. Wara dan it-tieni inkontru kien gie miftiehem it-tielet inkontru izda l-minuri ma marritx u minflok kellmet lil guidance teacher tal-iskola li mbaghad kellmet lil genituri taghha u sar rapport mal-Pulizjia u mal-Agenzija Appogg.

Il-minuri LMG xehdet bil-procedura tal-video-conferencing waqt l-udjenza tas-6 ta’ Settembru 2007 fejn hija qalet li kienet bdiet ticcatja mal-imputat fuq l-MSN fejn huwa kien qalilha li kellu dsatax il-sena. Hija sostniet li ma kinitx taf minn fejn huwa kien gab l-email address taghha sabiex ikun jista’ jikkomunika maghha fuq l-MSN u cahdet li kienet bdiet tikkomunika mieghu l-ewwel permezz tal-MIRC fejn imbaghad kienet tatu d-dettalji taghha tal-MSN. Il-minuri qalet li l-imputat kien baghtilha ritratt tieghu u hija kienet ukoll baghtitlu ritratt wiehed taghha u ma cahditx li

sar diskors ta’ natura sesswali bejniethom fejn hija sabiex ma taqghax ghac-cajt mal-imputat kienet irrispondiet fl-affirmattiv meta huwa staqsiha jekk kienx kellha rapporti sesswali qabel. LMG qalet li huma kienu ftehmu sabiex jiltaqghu hdejn il-gnien tal-Gudja u meta l-imputat mar sabiex jigborha fil-post miftiehem bil-vettura tieghu hija ndunat li huwa kellu aktar minn dsatax-il sena u ghalkemm kellha certu riluttanza sabiex titla’ fil-vettura mieghu hija rikbet mieghu u marru lejn Hal-Far fejn l-imputat l-ewwel waqaf fil-barracks tas-suldati fejn kien jahdem u nizel mill-vettura sabiex imur jixtri xi haga x’jixrob u hija baqghet fil-vettura. Hija tghid li l-imputat il-vettura halliha miftuha meta nizel sabiex jixtri u meta rritorna lura huma marru fl-imwarrab u l-imputat beda’ jmissa minn fuq il-hwejjeg u mbaghad nehhilha l-hwejjeg u beda’ jmessa fuq il-laham u mbaghad tela’ fuqha u kellhom fi kliem l-istess minuri «full sexual intercourse». It-tifla tghid li hija bdiet tipprova twaqqaf lill-imputat billi tghatti lilha nnifisha b’idha izda ma rnexxilhiex twaqfu. Hija tghid li meta lestew l-imputat rega’ wassalha d-dar u tispjega li huma komplew jiccatjaw fuq l-MSN izda ssostni li l-imputat beda’ jheddidha li jekk ma tergghax tiltaqa’ mieghu kellu r-ritratti taghha li kien ser iqassam mal-iskola taghha, fir-rahal taghha u jippostja fuq l-Internet. Hija ssostni li hija ritratt wiehed biss kienet baghtitlu u li r-ritratti l-ohra ma tafx kif kien hadhom minn fuq il-kompjuter taghha. Hija tghid ukoll li bezghat li l-imputat seta’ jeditja dawn ir-ritratti u sostniet li huwa kien baghtilha ritratt taghha li kien editja fejn kien hemm miktub kliem indecenti taht ir-ritratt taghha. Hija tghid li kien ghal din ir-raguni li regghat iltaqghet mieghu fejn l-imputat ghaddielha xi kopji ta xi ritratti taghha li kien printja u hija qattathom dak il-hin stess u mbaghad huma regghu kellhom x’jaqsmu flimkien bhad-darba ta’ qabel. Il-minuri tghid li ma kien hemm ebda forma ta’ vjolenza fizika fuqha da parti tal-imputat u qalet li meta ltaqghet mal-imputat huwa qalilha li kellu tletin sena u li kien separat u kellu tifel. LMG qalet ukoll li l-imputat beda’ jsuq warajha sabiex jergghu jiltaqghu izda hija qatghatu minn fuq l-MSN u bl-ghajnuna ta’ habiba taghha tkellmet mal-PSE teacher tal-iskola li mbaghad kellmet lil genituri taghha u sussegwentement sar rapport mal-Appogg u mal-Pulizija.

L-imputat irrilaxxja stqarrija li tinsab inserita a fol. 12 sa 15 tal-atti processwali fejn huwa mal-ewwel ammetta li kien beda' jiccatja mal-minuri fuq l-MIRC u li hija mbaghad tatu d-dettalji taghha tal-MSN u komplew jiccatjaw permezz tal-MSN. Huwa qal ukoll li kien jaf li l-minuri kellha erbatax il-sena u li skambjaw xi ritratti ta' xulxin u kellhom konversazzjonijiet b'konnotazzjonijiet sesswali fejn il-minuri qaltlu li hija diga' kellha esperjenzi sesswali qabel. L-imputat qal ukoll li huma kienu ftehmu sabiex jiltaqghu u hija ndikatlu l-gnien tal-Gudja u meta huwa mar sabiex jigborha minn dan il-post bil-vettura tieghu hija kienet hemm ma habiba taghha. Huwa spjega li kien staqsiha jekk riditx li jmorru jieklu xi haga u qaltlu li ma kellhiex guh u wara li qaltlu li ma riditx tmur Birzebbugia ghaliex kien il-boghod issuggeriet li jmorru Hal-Far. L-imputat spjega li huwa kien waqaf il-barracks tas-suldati ta' Hal-Far sabiex jixtri xi haga x'jixrob u kkonferma li meta nizel mill-vettura halliha miftuha. Huwa qal li mbaghad marru hdejn il-fabbriki ta' Hal-Far u wara li qadu jitlkellmu ftit huwa bies lil LM u beda' jmissha u hija gibditu fuqha u kellhom rapport sesswali. L-imputat spjega wkoll li huwa mbaghad wassalha d-dar ghaliex qaltlu li kien sarilha l-hin u li wara dan l-inkontru komplew jiccatjaw fuq l-MSN u regghu ftehmu sabiex jiltaqghu fejn rega' kellhom rapport sesswali. L-imputat qal li r-ritratti kollha li kellu tal-minuri kienet kollha baghtithomlu hi tramite MIRC jew MSN u cahad kategorikament li kien editja xi ritratti taghha jew li kien heddidha li kien ser jiddistribwixxi dawn ir-ritratti editjati jew li altrimenti kien baghtilha ritratt taghha editjat sabiex ibezzaghha. L-imputat qal li wara t-tieni nkontru regghu ftehmu sabiex jiltaqghu it-tielet darba izda l-minuri ma marritx u nqata' l-kuntatt sakemm imbaghad baghat ghalih l-Ufficjal Investigattiv u Prosekutur sabiex ikellmu dwar il-kwistjoni. L-imputat enfasizza li dak kollu li ghamel mal-minuri sar b'mod konsenswali da parti taghha u qal li huwa ma kienx jaf li huwa kontra l-ligi li jkollok rapport sesswali konsenswali ma minuri. L-imputat qal ukoll li kien jiddispjacih ghal dak li ghamel. Meta ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-27 ta' Lulju 2010 huwa kkonferma dak kollu li kien qal fl-istqarrija. Huwa spjega wkoll li meta kien zghir kien hu wkoll gie abbuzat

sesswalment minn helper meta kien imur abbati u huwa qatt ma qal xejn lil hadd dwar dan izda tkellem fuq din il-haga waqt il-proceduri tal-annullament taz-zwieg tieghu fit-Tribunal Eklezjastiku. Huwa qal ukoll li kellu trobbija difficli hafna fejn kien jigi abbuzat fizikament minn missieru li kien ikun vjolenti mieghu u baqa’ jezercita dixxiplina esagerata sakemm huwa kellu tletin sena.

Ikkunsidrat:

Ill minn ezami tal-atti processwali jirrizulta li fil-bidu meta nhargu l-akkuzi fil-konfronti tal-imputat huwa kien akkuzat bir-reati ta’ korruzzjoni ta’ minorenni, kontemplati kemm fl-Artikolu 203 kif ukoll fl-Artikolu 203A tal-Kodici Kriminali kif ukoll bir-reat li offenda l-pudur jew il-morali f’post pubbliku jew espost ghall-pubbliku, u cioe’ ir-reat kontemplat fl-Artikolu 209 tal-Kodici Kriminali. Sussegwentement u fuq struzzjonijiet tal-Avukat Generali inbidlu l-akkuzi fejn zdiedu imputazzjonijiet ta’ stupru u arrest illegali izda mbaghad meta l-Avukat Generali baghat in-Nota ta’ Rinviju tat-28 ta April 2010 huwa ma ndikax l-Artikoli tal-ligi li jirreferu ghar-reati ta’ stupru u arrest illegali u indika li tista’ tinstab htija jew htijiet inter alia taht l-Artikoli 203, 203A, 204, 204C(1)(2), 208B u 209 tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti kif inhi marbuta li taghmel ser tistrieh fuq l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali. Jinghad mal-ewwel li minn ezami tal-fatti tal-kaz jirrizulta minghajr dubju li l-Artikolu 204 tal-Kodici Kriminali li jirreferi ghar-reat ta’ thajjir ghall-prostituzzjoni ta’ persuni ta’ taht l-eta’ bl-ebda mod ma jista’ jitqies li japplika ghall-fatti tal-kaz odjern stante li l-istess fatti bl-ebda mod ma jistghu jitqiesu li jinkwadraw ruhhom f’dan ir-reat. In kwantu jirrigwarda l-Artikoli 204C(1)(2) u 208B tal-Kodici Kriminali jinghad li dawn bl-ebda mod ma jistghu jittiehdu in konsiderazzjoni ghal finijiet ta’ sejbien ta’ htija fil-kaz odjern stante li l-istess reati gew introdotti fil-Kodici Kriminali fl-2007 u cioe’ wara li sehhew il-fatti li jiffurmaw il-mertu tal-kawza odjerna u ghalhekk ma tistghax tinstab htija taht dawn l-Artikoli tal-ligi.

Ikkunsidrat:

Illi kif gie indikat aktar 'il fuq l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet ta' korruzzjoni ta' minorenni minghajr l-aggravju tat-theddid u l-qerq u ammetta wkoll li r-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni sar f'lok pubbliku jew espost ghall-pubbliku. Din il-Qorti trid ghalhekk tghaddi sabiex tikkunsidra jekk mill-provi li ghandha quddiemha jirrizultax pruvat dan l-aggravju tat-theddid u l-qerq. Ma hemmx dubju li l-minuri u l-imputat kellhom rapporti sesswali flimkien izda l-kwistjoni kollha tirrivolvi dwar il-fatt jekk l-imputat adoperax xi qerq jew theddid sabiex jiltaqa' mat-tifla. Il-Prosekuzzjoni taghmel referenza ghal dak li xehdet il-minuri dwar il-fatt li hija marret tiltaqa' mal-imputat ghaliex huwa kien heddidha li kien ser jiccirkola r-ritratti taghha li huwa kien editja. L-imputat minn dejjem cahad dawn l-allegazzjonijiet. Il-Qorti jidrilha li f'dan ir-rigward ix-xhieda moghtija mill-imputat hija aktar kredibbli u dan jinghad ghal diversi ragunijiet fosthom illi l-minuri bidlet il-verzjoni taghha in kwantu jirrigwarda dan il-fatt fejn l-ewwel qalet li kienet rikbet fil-vettura tal-imputat ghaliex huwa kien semmilha r-ritrati u hija bezghat izda mbaghad sussegwentement qalet li r-ritratti li kienet qed tirreferi ghalihom kienet rathom bejn l-ewwel u t-tieni darba li ltaqghet mal-imputat u kien biss it-tieni darba li ltaqghet mieghu minhabba r-ritratti. Il-Qorti inoltre setghat tinnota li dawn ir-ritratti suppost editjati ma nstabu imkien, la gew esibiti mill-minuri u l-anqas instabu fil-kompjuter tal-imputat fejn instabu biss ir-ritratti tal-minuri li hija stess kienet baghtitlu u fejn ebda wiehed minnhom ma hu editjat jew fih il-kliem indecenti li allegat il-minuri. Il-Qorti inoltre taghmel referenza ghax-xhieda ta' SM 24 Josephine Gauci li xehdet f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tad-19 ta' Novembru 2008 fejn din qalet li ghall-ewwel il-minuri qaltilhom li kienet marret mal-imputat ghaliex bdiet tibza' minnu minhabba xi ritratt izda mbghad ammettiet li hija kienet marret mal-imputat volontatrjament u li kienet ghamlet rapport fil-konfronti tieghu ssemplicement ghaliex kienet qed tibza' li kienet tqila u bezghat tghid il-verita' lil genituri taghha. Il-Qorti jidrilha li dawn it-tlett fatturi lkoll jikkoroboraw il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat fir-rigward u ghalhekk ser tqis li l-aggravju tat-theddid u qerq ma jirrizultax pruvat sal-grad rikjest mill-ligi u ser issib lill-imputat hati tar-reat ta' korruzzjoni ta' minuri minghajr l-

aggravju kontemplat fil proviso tal-Artikolu 203(1). In kwantu jirrigwarda l-imputazzjoni riferibbli ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 203A tal-Kodici Kriminali din tista' titqies li hija assorbita fl-imputazzjoni ta' korruzzjoni ta' minorenni li taghha l-imputat qed jinstab hati. In kwantu jirriggwarda l-imputazzjoni mmarkata bhala (e) u cioe' dik li l-imputat offenda l-pudur u l-morali b'eghmil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku din l-imputazzjoni wkoll giet ammessa mill-imputat u fi kwalunkwe kaz mill-provi jirrizulta li l-imputat kellu rapporti sesswali mal-minuri f'lok espost ghall-pubbliku u jsegwi ghalhekk li huwa jista' wkoll jigi misjub hati tal-imputazzjoni mmarkata bhala (e).

L-imputat jinsab ukoll akkuzat li huwa recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali izda minn ezami tas-sentenza nserita a fol. 118 (Dok. RA 2) jirrizulta li l-imputat kien instab hati ta' kontravenzjonijiet tat-traffiku permezz tal-imsemmija sentenza u ghalhekk l-istess sentenza ma tistghax tittiehed in konsiderazzjoni ghal finijiet ta' recidiva.

Ghal finijiet ta' konsiderazzjonijiet dwar piena l-Qorti qieset diversi fatturi fejn l-ewwel u qabel kollox tat piz lir-rakkomandazzjonijiet maghmula mill-Probation Officer Antonella Spagnol fil-Pre-Sentencing Report minnha mheji fejn hija qalet is-segwenti:-

*"Fid-dawl ta' din l-informazzjoni migbura ghall-fini ta' dan ir-rapport, jidher li Keith Greengrass ghadda minn diversi esperjenzi f'hajtu li kellhom effett dirett fuq l-imgieba tieghu, principalment l-abbuz sesswali u fiziku li sofra u anke z-zwieg li sfaxxa fix-xejn. Minhabba f'dan, tinhass il-htiega li l-ikkoncernat ikollu supervizjoni sabiex jigi ggwidat jindirizza l-problemi li ghandu, li nholqu minn diversi cirkustanzi li kellu f'hajtu.*

*Matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport intefa' dubju kemm mid-difiza kif ukoll mill-prosekuzzjoni dwar kemm l-akkuza tar-recidivita' ser tigi sostnuta. Ghaldaqstant qed jigi suggerit li, f'kaz li l-akkuza tar-recidiva ma tigix sostnuta, din l-Onorabbli Qorti tesplora l-possibilita' li tinghata Sentenza Sospiza b'Ordni ta' Supervizjoni annessa maghha sabiex jigi zgurat li l-ikkoncernat jinghata gwida*

*necessarja u sens ta' direzzjoni li ghandu bzonn, filwaqt li jkun hemm element ta' deterrent qawwi. Qed jigi suggerit ukoll li tigi annessa kundizzjoni li l-ikkoncernat izomm kuntatt fuq bazi regolari ma' psikologu, liema kuntatt beda diga' waqt il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport. Permezz ta' din l-ghajnuna l-ikkoncernat jista' jitratta u jindirizza fil-font l-esperjenzi li ghadda minnhom u li fi kliemu stess "dawk l-affarijiet kissruni."*

Il-Qorti rat ukoll dak li xehed il-forensic psychologist Kevin Sammut Henwood fejn dan indika li minhabba l-problemi li ltaqa' maghhom fil-hajja l-imputat kellu bzonn kura psikologika kostanti sabiex jeghleb l-istess problemi izda enfasizza li permezz ta' tali kura l-imputat seta' jeghleb dawn il-problemi u li c-cansijiet li huwa jerga' jikkommetti reati simili ghal dawk li jinsab akkuzat bihom fil-proceduri odjerni kienu minimi. Il-Qorti jidrilha li fic-cirkostanzi piena karcerarja sospiza b'Ordni ta' Supervizjoni u Trattament tkun l-aktar piena idoneja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tat-28 ta' April 2010 u senjatament l-Artikoli 18, 203, 203A u 209 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet immarkati bhala (c), (d) u (e) u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' erba' (4) snin millum.

Wara li rat l-Artikolu 28G tal-Kodici Kriminali l-Qorti inoltre tordna l-hrug ta Ordni ta' Supervizjoni fil-konfronti tal-hati ghal zmien sentejn (2) millum fejn l-imputat ghandu jinghata l-ghajnuna kollha mehtiega ghall-problemi li ghandu u fejn l-Ufficjal Sorveljanti ghandha tkun il-Probation Officer Antonella Spagnol.

Il-Qorti inoltre tqieghed lill-imputat taht 'treatment order', ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali taht il-kura tal-psikologu Kevin Sammut Henwood liema kura ghandha tikkonsisti f'laqghat terapewtici bi frekwenza ta' mill-anqas darbtejn fix-xahar ghal perjodu ta' sentejn (2), jew skond l-

istruzzjonijiet tal-istess Kevin Sammut Henwood u skond il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jonqos li josserva jew isegwi xi kundizzjoni mposta fuqu fl-Ordni ta’ Supervizjoni jew jekk huwa jonqos milli jsegwi xi ordni moghtija lilu mill-Ufficjal Sorveljanti.

Il-Qorti twissi wkoll lill-hati skond il-ligi bil-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat iehor fil-perijodu operattiv ta’ din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur Ghal Probation Services u Parole u lil Kevin Sammut Henwood.

Il-Qorti wara li rat il-Kap. 518 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex l-imputat jitnizzel fuq ir-Registru ndikat fl-imsemmi Att u ghal dan il-ghan tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi komunikata lill-imsemmi Registratur.

Il-Qorti qed tordna d-divjiet tal-publikazzjoni ta’ isem il-minuri fi kwalunkwe mezz ta’ komunikazzjoni sabiex tigi protetta l-identita’ tal-minuri.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali l-Qorti tordna l-hrug ta’ Ordni ta’ Protezzjoni ghall-perijodu ta’ tlett (3) snin millum fejn il-persuna protetta hija LMG.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------